MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 88/2010

**Anthony Vella u George Vella**

**Vs**

**Simon Caruana**

Fil-25 ta’ Ottubru 2010 l-atturi pprezentaw kawza ta’ spoll. Huma jippremettu li ghandho fil-pussess taghhom tlett porzjonijiet art maghrufa bhala ta’ Geriska, limiti tal-Gharb, Ghawdex u li bejn il-21 u 22 ta’ Ottubru 2010 il-konvenut dahal fl-art u beda jippretendi li hi tieghu u bena fiha. L-atturi ddikjaraw ukoll li jridu jergghu jiehdu l-pussess tal-art u ghalhekk talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta dahal fir-raba’ maghrufa ta’ Geriska, limiti tal-Gharb, Ghawdex u hemm ghamel xogholijiet, ghaffeg l-art u ha l-pussess tar-raba’.

2. Tikkundanna lill-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess tar-raba' u jaghmel ix-xogholijiet li hemm bzonn sabiex ir-raba' terga' titqieghed fl-istat li kienet qabel sehh l-ispoll.
3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel ix-xogholijiet li huma necessarji a spejjez tal-konvenut.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fid-29 ta' Novembru 2010 il-konvenut ammetta li dahal fl-art meritu tal-kawza, pero ddikjara li l-atturi kienu regghu dahlu fl-art in kwistjoni. Ghalhekk it-tieni u tielet talba huma superfluwi ghaliex qabel giet prezentata l-kawza kienu diga' regghu hadu l-pussess tar-raba'. Ighid li hu ma kienx ipprova jerga' jidhol fl-art oggett tal-kawza minkejja li jaf li l-pussess tal-atturi hub la titolu. Inoltre jghid li dahal fir-raba' fuq struzzjonijiet tas-sidien tar-raba' u ma kellux intenzjoni li jikkommetti xi spoll. Fl-ahharnett isostni li m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ghaliex qabel saret il-kawza ma nghata l-ebda pre-avviz biex johrog mill-art u li fin-nuqqas kienet ser tigi prezentata kawza.

Ghal dawk li huma fatti jidher li m'hemmx kontestazzjoni, fis-sens li:-

i. L-atturi ghandhom il-pussess ta' raba' maghrufa ta' Geriska li hi proprjeta tal-familja tal-konvenut.
ii. Il-konvenut dahal f'din ir-raba' u bena dura, u f'porzjon ohra ghamel sinjal bi spray kulur ahdar (ara pjanti u ritratti a fol. 10-14).
iii. Jirrizulta li l-konvenut dahal darbtejn fir-raba'. L-ewwel darba meta mar u bena dura, u t-tieni darba mar ghall-kacca minkejja li kien diga' sar rapport lill-pulizija u tkellem mieghu is-surgent Johann Said.
iv. Fil-25 ta' Ottubru 2010 l-atturi pprezentaw il-kawza, u qabel ma nterpellawx lill-konvenut sabiex jirritorna l-pussess tal-ghelieqi.
v. Il-konvenut wettaq spoll meta dahal fl-ghelieqi ta' Geriska, limiti tal-Gharb li kienu fil-pussess tal-atturi u ghamel dura u marki biz-zebgha.
vi. Fis-seduta tal-lum il-konvenut iddikjara li m'huwiex behsiebu jerga' jidhol fir-raba' qabel tinghata sentenza

mill-qorti li tikkonferma li l-atturi m’ghandhomx titolu fuq ir-raba’ oggett tal-kawza.

Minkejja li:-

i. Minkejja li l-konvenut qieghed isostni li l-atturi ma kellhom l-ebda dritt li jidhlu fl-art, ma kellu l-ebda dritt li jidhol fl-art. Qal li dahal fl-art fuq struzzjonijiet tas-sidien. B’daqshekk ma jfissirx li ma kienx responsabbli. Inoltre l-kwistjoni tal-intenzjoni m’hijiex rilevanti f’materja ta’ spoll. Il-qorti hi moralment konvinta il l-konvenut kien jaf li l-art tinsab fil-pussess tal-atturi u qatt ma messu ha l-ligi b’idejh biex il-familja tieghu tiehu l-art lura fil-pussess taghha.
ii. Fir-risposta guramentata l-konvenut qal li l-atturi regghu dahlu fl-art u li ghalhekk it-tieni u tielet talba huma superfluwi. Pero m’hemmx provi dwar dan. Anzi l-attur Anthony Vella xehed li wara parir li nghata mill-pulizija u mill-avukat ta’ fiducja tieghu, ma regghux dahlu fl-art u qeghdin jistennew l-ezitu ta’ din il-kawza. Il-konvenut ma jistax ikun jaf x’gara ghaliex hu stess iddikjara li wara t-22 ta’ Ottubru 2010 ma regax mar f’dawk l-inhawi.
iii. Il-konvenut jilmenta li qabel saret il-kawza ma giex interpellat b’ittra legali jew ufficjali, u ghalhekk ma kellux jigi kundannat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji. Il-qorti ma taqbilx. Ghalkemm hu minnu li kien ikun iktar floku li l-ewwel tintbaghat ittra legali, il-fatt li l-atturi mill-ewwel ipprezentaw il-kawza ma jtellifhomx mid-dritt li jirkurpaw l-ispejjez. M’hemmx dubju li kien l-agir tal-konvenut li ta lok ghal din il-kawza. Minkejja li fil-21 ta’ Ottubru 2010 il-pulizija kellmuh dwar ir-rapport li kien ghamel l-attur, irrizulta li l-ghada rega’ dahal fir-raba’ ghall-kacca. Ghalhekk sa dak l-istadju jidher li baqa’ jippersisti fl-agir tieghu, meta kien jaf minn qabel dahal l-ewwel darba li l-ghelieqi qeghdin fil-pussess tal-atturi. Fatt li jirrizulta mill-okkorrenza tal-pulizija. Kien f’dak l-istadju li tlett ijiem wara l-atturi pprezentaw il-kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikajra li l-konvenut wettaq spoll meta dahal fl-ghelieqi ta' Geriska, limiti tal-Gharb, Ghawdex.**

**2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirreintegra lill-atturi fil-pussess tal-ghelieqi li jidhru fil-pjanti a fol. 13-14 u ma jidholx fihom sakemm ma jkunx hemm sentenza favur is-sidien li taghtihom lura l-pussess tal-art u li tigi ezegwita skond il-ligi. Tiddikjara li m'hemmx ordnijiet x'taghti dwar xogholijiet li l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut ghandu jigi kundannat li jaghmel fl-ghelieqi peress li mill-provi jirrizulta li d-dura tnehhiet (fol. 10). Dwar il-marki kulur ahdar li saru fuq tlett gebliet (ara ritratt a fol. 11-12) dawn huma insinifikanti u jekk iridu l-atturi jistghu facilment inehhuhom huma stess.**

**3. Tastjeni milli tqies it-tielet talba ghar-raguni hawn fuq moghtija.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut, b'dan li l-ispejjez relatati mat-tielet talba ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi in kwantu ma jirrizultax li hemm bzonn li jsiru xi xogholijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------